ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 31/07 – L-Erbgħa 11 ta' Marzu fis-18:00pm.**

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* |
| *PAUL J. PACE* | *EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji
   - *Skeda ta' Pagamenti*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa 29/07 ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar 2015 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja 30/07 ta' nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2015 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2 **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i. Is-Seg. Eżek. qrat l-email li rċevejna mid-Dipt. Gvern Lokali dwar linja gwida sabiex tinbidel id-deċiżjoni li kien ħa oriġinarjament il-Kunsill dwar ix-xogħol f'Misraħ tas-Suq Sq Nru2. Misraħ Tas-Suq Nru 2

Il-Viċi Sindku Paul Farrugia ressaq Mozzjoni u ppropona u l-Kunsillier Frans Agius issekonda li ladarba l-Kunsill ġab konferma bil-miktub issa l-każ huwa riżolt. Il-Kunsill qabel unanimament.

ii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill, li hekk kif kien maqbul f'l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret f'Jannar, intbgħatet email lill-Kuntrattur sabiex tinfurmah dwar il-pendenzi u l-obbligi li kellu. B'din l-email kienu kkupjati l-Kunsilliera Kollha. Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li din l-email intbgħatet ukoll b'ittra rreġistrata u sal-lum kienet għadha ma rċeviet xejn mingħand il-Kuntrattur lanqas acknowlegement. Pendenzi mill-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii.i Saret diskussjoni fit-tul dwar dan il-każ u l-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lill-Avukat tal-Kunsill b'dan il-każ u nitolbuh jikteb lill-kuntrattur dwar dawn in-nuqqassijiet.

ii.ii Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll li sakemm il-Kuntrattur jibqa ma jonorax l-obbligi tiegħu, l-ħlasijiet relatati jibqgħu sospiżi.

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fittex il-Projector fil-kamra li hemm fil-Berga u ma sabux. Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku jekk jiftakarx l-aħħar darba li ntuża dan il-projector jew issellifx lil xi ħadd. Dan għall-fatt li ma jħossux komdu jmur jistaqsi lill-għaqdiet meta m'aħniex ċerti jekk dan il-projector ġiex misluf lil xi ħadd minnhom. Il-Viċi Sindku wieġeb li jiftakar hu li ġieli rah fuq il-ħoġor tat-tieqa fil-kamra fejn qabel kienet l-Boardroom. Is-Sindku wieġeb li dak kollu li kien hemm tpoġġa taħt it-taraġ. Ġie deċiż li sa laqgħa oħra tal-Kunsill issir tfittxija taħt it-taraġ. Sadanittant is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Power Wash ma nstabitx. Projector

iii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel l-inventarju tal-għodda ġewwa l-garaxx. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li darba din il-lista kienet saret minn persuna li kien jeħdilna ħsieb il-garaxx. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li fuq din l-istess lista mexa s-Sindku. Il-Viċi Sindku rrimarka li f'din il-lista ma hemmx imniżżel għodda relatata ma' xogħol tal-ġebel. Is-Sindku wieġeb li fi żmienu qatt ma sar xogħol ta' ġebel. Inventarju ta' l-għodda

iii.ii Il-Kunsillier Frans Agius ssuġġerixxa li xi ħadd mill-ħaddiema assenjati magħna jibda jieħu ħsieb l-għodda. Is-Sindku wieġeb li ser jibda jimxi ma' dan l-inventarju.

iii.iii Sadanittant il-Kunsill iddeċieda li f'laqgħa oħra jiddeċiedi fuq l-affarijiet li jistgħu jibqgħu ma nstabux.

iv. Is-Sindku pprezenta lill-Kunsill ir-rendikont tad-dħul u ħruġ għall-Attivita' ta' Festa Ħelu. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li għalkemm minn dan ir-rendikont jidher li ma nħarġux flus ħlief €34.00, pero jidher ukoll li flus tal-permessi li ġabar il-Kunsill dawn xorta waħda nħarġu. Għalhekk jidher li għalkemm il-Kunsill kien iddeċieda li ma jonfoqx flus fil-verita' l-Kunsill rega ħareġ il-flus ta' dawn il-permesi. Festa Ħelu

v. Il-Kunsillier Ismael Dalli semma' li Triq Paola niżlet kollha. Is-Sindku wieġeb li kiteb lis-Sur James Piscopo CEO tat-Transport Malta fejn infurmah bil-kaz. Is-Sur Piscopo wieġbu lura li dan il-kaz jaqa' taħt il-WSC. Is-Sindku sadanittant iltaqa' fuq il-post mal-Inġinier tal-WSC. Il-Viċi Sindku nsista li dan kollu qed jinqala' għaliex meta saret oriġinarjament il-main tal-ilma ma nbidilx ġdid allura issa l-antiki qed jillijkjaw u l-materjal ta' taħt il-pipijiet kollu spiċċa bl-ilma li jgħaddi minn taħt. Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku jekk jitlob laqgħa dwar din it-triq jattendix miegħu? Il-Viċi Sindku aċċetta. — Paola Road

v.i Il-Kunsillier Frans Agius issuġġerixxa u l-Kunsillier Ismael Dalli ssekonda sabiex niktbu lid-Dipartiment u nikkuppjaw lill-Ministeru fejn ngħaddulu l-lista ta' toroq li għandhom bzonn isiru. Is-Sindku wieġeb li huwa kien qabbad lill-Perit tal-Kunsill u flimkien daru dawn it-toroq. Is-Sindku pprezenta din il-lista fuq il-mejda tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lid-Dipt. u nikkuppjaw il-Ministeru u ngħaddulhom kopja ta' din il-lista.

iv.i Is-Seg. Ezek. pprezentat rendikont maħruġ mis-SAGE dwar x'sar infieq fuq Printing fl-2014. Il-Viċi Sindku qal li hekk kif jidher minn dan ir-rendikont l-ispiza ta' printing għall-attivitajiet hija ferm inqas pero għalkemm qed jintefqu ċerta ammonti fi printing sabiex in-nies ikunu infurmati dan l-istess pubbliku mhux qed ikun infurmat globalment tax-xogħol tal-Kunsill għal kull perjodu. Is-Sindku wieġeb li l-fuljett kien iqum lill-Kunsill €9000 fis-sena. — Rendikont Printing

iv.ii Il-Kunsillier Ismael Dalli ssuġġerixxa li nutilizzaw iktar il-facebook page tal-Kunsill biex isir aktar awareness mal-pubbliku hemm barra.

v. Rigward l-Armar tat-Toroq għal żmien il-Milied, is-Sindku pprezenta lill-Kunsill rendikont tal-fatturi. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Għaqda Kultura u Armar ta' l-għajnuna li taw lill-Kunsill biex seta' sar l-armar tat-toroq. — Armar tat-Toroq għal Żmien il-Milied

vi. Rigward il-ħaddiema li l-Kunsill għandu assenjati miegħu s-Seg. Ezek. infurmat lill-Kunsill li hi kienet għadha f'kuntatt mal-Avukat tal-Kunsill peress li kien talabha xi dettalji oħra li kienet għaddietlu pero sal-ħin tal-laqgħa kienet għadha ma daħlitx risposta. — Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

Il-Viċi Sindku staqsa kemm hemm ħaddiema assenjati mal-Kunsill tagħna. Din l-informazzjoni ser tingħatalhu f'laqgħa oħra li jmiss.

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fil-Berġa nbeda. — Berġa fi Triq Santa Marija

viii. Is-Seg. Ezek. infurmat lill-Kunsill li hija kelmet lill-persuna inkarigata fid-Dipt. u din is-sitwazzjoni ġiet iċċarata għaliex deher biċ-ċar li kien zball ġenwin. — Allokazzjoni Finanzjarja

ix. Is-Seg. Ezek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna ittra mill-E. T. L-Ambaxxatur Malti għall-Bulgaria fejn talab li ssir laqgħa mas-Sindku u mas-Seg. Ezek. nhar l-1 t'April 2015 fl-Ambaxxata l-Belt Valletta. Il-Viċi Sindku talab sabiex huwa wkoll ikun prezenti għal din il-Laqgħa. Is-Seg. Ezek. ser tinforma lill-Amabaxxatur b'dan u tinforma lis-Sindku u l-Viċi Sindku bid-dettalji. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li huwa rċieva xi informazzjoni dwar xi fiera tal-films fil-Bulgaria. Huwa għamel kuntatt ma' xi ħadd relatat u kellhom japplikaw. — Stedina Ambaxxatur Malti għall-Bularia

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lil Dr Malcolm Borg u qallu li bħalissa minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ma nistgħux nidħlu għal fondi bħal dawn. Dr Borg infurmah li f'Marzu ħerġin xi sejħiet ġodda. — Fondi EU

xi. Is-Seg. Ezek. infurmat il-Kunsill li l-Laqgħa Pubblika ppjanata għad- 9 ta' Frar 2015 ma saritx u għalhekk trid issir ġurnata oħra. Ġie deċiz li l-Laqgħa Pubblika ssir nhar it-Tnejn 27 ta' April 2015 fis-6.00pm fiċ-Ċentru Komunitarju. — Laqgħa Pubblika

xii. Il-Viċi Sindku qal li importanti li jinzamm logbook bħala rendikont ta' xogħol li jsir bil-van tal- — Fuel

Kunsill. Filwaqt li għall-użu tal-vann tas-Sindku ssuġerixxa li nerġgħu niktbu lid-Dipt. sabiex jagħtuna linja gwida ta' kif nistgħu nżommu records dwar l-użu ta' dan il-vann.

xiii. Rigward l-Ittra mibgħuta mid-Dipt. Gvern Lokali dwar l-iŻbilanċ Finanzjarju għas-sena 2013, is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li hija kitbet lid-Dipt. tistaqsi għal linji gwida minħabba l-ispiża addizzjonali tal-Accountants pero sad-data tal-laqgħa kien għad ma kelliex risposta. Sadanittant irċeviet telefonata mingħand l-Asst. Dir. u Kap tal-Monitoring is-Sur Paul Pace fejn infurmaha li bħalissa d-Dipt. qed jistenna li jsiru l-Audits tas-sena 2014 fejn minnhom ser ikollhom stampa ċara ta' x'passi ħa l-Kunsill u fil-każ jerġgħu jkellmuna wara. **Ittra DLG - Żbilanċ Finanzjarju**

xiii.i Il-Viċi Sindku staqsa jekk saritx xi talba oħra lid-Dipt. minħabba xi infieq. Is-Seg. Eżek. wieġbet li s-Sindku kien kiteb lid-Direttur Gvern Lokali fejn staqsieh jistax jixtri xi boroż tat-tarmak minħabba l-istat ħażin tat-toroq. Il-Viċi Sindku rrimarka li xogħol Amministrattiv irid isir mis-Seg. Eżek. u mhux mis-Sindku. Is-Sindku wieġeb li huwa kien informa lis-Seg. Eżek. li kellu jikteb. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa x'wieġeb id-Direttur. Is-Sindku wieġeb li kien tah il-permess li jixtri xi boroż tat-tarmak. Is-Seg. Eżek. kompliet li qallu li kellu jikkopja lill-Monitoring Unit b'din id-deċiżjoni. Sadanittant is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li hija kienet biss ikkuppjata fiż-żewġ emails.

xiv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li din l-applikazzjoni ntbgħatet tard. Hija kompliet tispjega li fil-perjodu li din l-applikazzjoni kellha tintbgħat hija kienet bil-leave. Sadanittant is-Sindku ċempel lill-Onor Stefan Buontempo u qallu bil-każ. L-Onor. Buontempo qallu biex l-applikazzjoni tintbgħat xorta u kien ser ikun il-Bord li jiddeċiedi jekk jikkonsidrax late application jew le. Pero sad-data tal-laqgħa l-Kunsill ma rċieva ebda tip ta' risposta. **Fond għall-Proġetti Kapitali**

xiv.i Il-Viċi Sindku staqsa jekk allura s-Seg. Eżek. ikun bil-leave l-operat tal-Kunsill jieqafx? Hija wieġbet li milli jidher hekk ġara. Is-Sindku rrimarka li ma kellux jibgħat l-applikazzjoni hu. Il-Viċi Sindku wieġeb li hu qatt ma qal hekk imma ladarba kien irrapurtat li għal din l-applikazzjoni kellu kollox lest setgħu tqabbdu xi ħadd mill-istaff fl-assenza tas-Seg. Eżek.

xiv.ii Wara diskussjoni ġie deċiż li f'dan l-istadju mhemmx lok għal appell.

xv. Rigward is-sejħa għall-impjieg full time ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fuq Skala 13 u persuna oħra Skrivana part-time fuq Skala 15, il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa kif konna bqajna fuq dawn l-impjegati ġodda. Is-Seg. Eżek. infurmatu li rridu nibgħatu lid-Dipt biex jagħtina l-approvazzjoni peress li issa l-Kunsill qed jitlob għal skali differenti ta' impjegati minn dawk oriġinarjament mitluba. Il-Kunsilliera Doris Vella staqsiet lis-Seg. Eżek. jekk din it-talba intbgħatitx. Is-Seg. Eżek. wiegbet li kienet għadha ma bgħatitiex. **Sejħa Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 full time u oħra Skrivana Skala 15 part-time**

xv.i Il-Viċi Sindku staqsa jekk f'dan il-każ issa rridux ukoll nitolbu linji gwida mid-Dipt. peress li jinvolvu spejjez? Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li din ma taqax taħt spiża straordinarja imma taħt normal running of the bill.

xv.ii Is-Sindku ssuġerixxa li nitolbu linji gwida lid-Dipt.

Il-Kunsill qabel unanimament.

xvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li D-Dipt. bgħat sabiex kull Kunsill joħloq Kumitat tal-Finanzi. Dan il-Kumitat irid ikun kompost mis-Sindku, Seg. Eżek., Kunsillier u Accountant. Il-Viċi Sindku offra li jkun hu. Il-Kunsill qabel. **Kumitat tal-Finanzi**

xvi.i Is-Sindku talab iktar informazzjoni dwar dan il-Kumitat. Ser nitolbu lid-Dipt. aktar informazzjoni.

xvii. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li rċevejna żewġ talbiet għal rifużjoni ta' ħsarat f'tyres u/jew vetturi minħabba l-istat tat-toroq. Is-Seg. Eżek. kompliet tispjega li hija kitbet liċ-Chairman ta' dan il-Bord fejn staqsietu x'kienu eżatt il-proċeduri. Dr Joe Mifsud infurmaha bil-lista tad-dokumenti li wieħed għandu jipprezenta kif ukoll qalla li d-deċiżjoni finali trid tkun tal-Kunsill. **Ħsarat fuq vetturi u/jew tyres minħabba stat ta' toroq**

xvii.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel *policy* u jimxi fuqha. Il-Viċi Sindku wieġeb li hawnhekk wieħed għandu joqgħod attent għaliex il-Bord ta' Governanza m'għandu ebda awtorita' fuq il-Kunsilli Lokali. Dan il-Bord jista' jirrakomanda. Huwa kompla jispjega li anke l-Assoċ. Gvern Lokali qed tiddiskuti dan il-każ.

xvii.ii Saret diskussjoni dwar dan. Il-Kunsill iddeċieda li sakemm id-Dipt. jibgħat linji gwida lill-Kunsilli kollha nibgħatu ninfurmaw lil dawk li kitbulna u ġabu d-dokumenti mitluba li sakemm il-Kunsill ikollu linji gwida mid-Dipt Gvern Lokali ma jistax jipproċedi.

xviii Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li deher artiklu fuq il-gazzetta The Times ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2015. Il-Kunsill talab lis-Seg. Eżek jaqra dan l-artiklu kif fil-fatt hekk għamlet. Artiklu Gazzetta THE TIMES 4/3/15

xviii.i Il-Kunsillier Frans Agius talab biex jagħmel dikjarazzjoni f'ismu personali fejn iddikjara li hu "la qatt kellu u lanqas għandu oġġezzjoni li l-Viċi Sindku jippresiedi xi laqgħa." Huwa kompla jispjega li dakinhar tal-laqgħa huwa kien xogħol u telaq mix-xogħol fis-6.15pm mingħajr ma kiel u xejn biex baqa' sejjer dritt iċ-Ċentru Komunitarju peress li dakinhar kien hemm il-laqgħa tal-istudenti tal-kompjuter. Il-kumplament ta' x'kellu u x'ma kellux, żied is-Sur Agius mhuwiex kompetenza ta' min kiteb dan l-artiklu. Huwa qal ukoll li jħoss li l-Kunsill għandu jikteb biex iwieġeb dan l-artiklu.

xviii.ii Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li "jkompli ma dak li qal il-Kunsillier Frans Agius fejn ma jsib ebda oġġezzjoni sabiex l-Viċi Sindku jippresiedi xi laqgħa." Huwa kompla jgħid li huwa personalment kien preżenti għal diversi laqgħat ippreseduti minn Paul Farrugia. Huwa qal li dakinhar ma setgħax jattendi għal-laqgħa peress li kien daħal lura għax-xogħol wara jumejn sick leave u x-xogħol talbuh biex jibqa' xogħol peress li dakinhar kien hemm ħaddieħor bis-sick leave u kien hemm xi xogħol li ried bilfors isir. Sadanittant huwa kemm mar sad-dar jiekol u rritorna lura għax-xogħol fejn fil-għaxija imbagħad infurmawh li dan ix-xogħol kien tħassar.

xviii.iii Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li hija dakinhar ma setgħatx tattendi għal-laqgħa peress li kellha appuntament urġenti għand in-Nutar minħabba kwistjoni privata tagħha.

xviii.iv Is-Sindku Joseph Abela qal li huwa dakinhar ma attendiex għal-laqgħa peress li kien ma jiflaħx.

xviii.v Il-Viċi Sindku Paul Farrugia talab biex jagħmel dikjarazzjoni. Il-Kunsill qabel u fil-fatt il-Viċi qara dikjarazzjoni. Huwa talab sabiex din id-dikjarazzjoni tkun imminitjata u għalhekk dan id-dokument qed ikun anness ma' dawn il-Minuti. Il-Viċi Sindku qal ukoll li għalkemm jidher li din id-dikjarazzjoni hija simili għal dak miktub fl-artiklu huwa jiddikjara li l-artiklu sar jaf bih wara li kien diġa għamel din id-dikjarazzjoni.

xviii.vi Is-Sindku qal li xtaq jiċċara xi punti miktuba fl-artiklu fejn hemm miktub li n-nies eleġġjaw il-Kunsillieri biex jaħdmu. Il-Kunsillieri Frans Agius u Doris Vella kkummentaw li "għandu raġun għax kollha qegħdin iħarsu". Is-Sindku talab lis-Seg. Eżek sabiex jerġa jaqra l-parti mill-artiklu fejn issemma dan il-punt tax-xogħol. Is-Seg. Eżek. hekk għamlet. Is-Sindku rrimarka li "ma jaħsibx li huma qegħdin hemm mhux għall-interess taċ-ċittadin". Il-Kunsillier Ismael Dalli kkjarifika li dak miktub mhuwiex qed jitfa' dellijiet fuq ħadd. Imma biss qed jistaqsi jekk il-laqgħa tħassritx kappriċċjożament jew jekk kienx konċidenza ġenwina.

xviii.vii Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li d-demokrazija tatih id-dritt li jikteb u lilna tatina d-dritt li nwieġbu u b'hekk tieqaf hemm.

xiv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dakinhar stess tal-laqgħa d-Dipt. bgħat email indirizzata lilha bħala Seg. Eżek. sabiex hija tagħti l-kummenti tagħha dwar allegazzjoni li wasslet għand id-Dipt. Gvern Lokali dwar li qiegħed isir xi xogħol f'parapetti tal-privat bi spejjeż tal-Kunsill. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa x'kien il-każ. Is-Seg. Eżek. spjegat lill-Kunsill li l-Erbgħa filgħodu hija kienet bil-leave u sadanittant irċeviet telefonata mingħand il-Viċi Xogħol fil-privat – Email mid-Dipt.

Sindku li kien Brussel fejn infurmaha li kien irċieva ilment mingħand xi residenti li s-Sindku flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill kienu qed jagħmlu xi xogħol f'xi parapett tal-privat f'Luqa Road. Hija baqgħet miegħu li ladarba tkun serja lura l-Kunsill ser tgħaddi minn hemmhekk sabiex tivverifika x'kien qed jiġri. Fil-fatt hekk għamlet u x'ħin marret fuq il-post sabgħet li l-post in kwistjoni kien Blokka tal-flats tal-Housing li d-daħla ta' dan il-blokk kien hemm front garden maqsum min-nofs b'passaġġ pavimentat. Hija sabgħet li l-front garden ta' kull naħa tal-passaġġ kien sar xi xogħol ta' żbir ta siġar u parti mill-passaġġ kien inqala' l-pavimentar. Sadanittant kompliet s-Seg. Eżek. waħda mill-Iskrivani tal-Kunsill kienet ċemplitilha biex tistaqsija jekk kienetx taf dwar xi ordni għal skip ġewwa Triq Ħal Luqa. Hija nfurmat lill-Iskrivana li ma kienet taf b'xejn u talbitha sabiex ma tipproċediex bl-ordni għal din l-iskip. Is-Seg. Eżek. qalet li ċemplet lis-Sindku u nfurmatu li ma setgħax ikompli bix-xogħol għaliex dan kien xogħol fil-privat u li għalih il-Kunsill ma kellu ebda kompetenza. Hija qalet lill-Kunsill li wieġbet lid-Diptartiment f'dan is-sens u li kellha tirraporta lura d-Dipartiment ladarba din l-ittra kienet ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

xiv.i Is-Sindku spjega li f'Awwissu 2014 dan il-każ kien tressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill minħabba li f'dan il-parapett kien hemm siġra li għolliet il-pavimentar. Il-Kunsill kien iddeċieda li x-xogħol kellu jsir mid-Dipt. tal-Housing peress li l-bini kien blokk bi flats tal-Gvern. Is-Sindku qal li kienet intbgħatet ittra lill-Housing pero dwar dan id-Dipartiment tal-Housing qatt ma tana tweġiba. Sadanittant resident ta' dan il-blokk eżattament ta' flat numru 1 ta' sikwiet kien jistaqsi lilu bħala Sindku x'kien ġara minn dan il-każ. Is-Sindku kompla jispjega li huwa wkoll ċempel lid-Dipt tal-Housing jistaqsihom x'kien ġara minn dan il-każ. Il-persuna li weġbitu qaltlu li bħalissa d-Dipartiment kellu prijoritajiet oħra saħansitra aktar urġenti minn dan il-każ. Sadanittant kompla jispjega s-Sindku, dan l-istess resident reġa sabu u qallu li ma setgħax jistenna iktar u li ser jagħmel ix-xogħol hu għaliex kienet għad kemm waqatlu l-mara. Dan ir-resident staqsa lis-Sindku sabiex ta' l-anqas jiżborlu s-sigar u jaqtalu l-għeruq li kienu qed jgħollu l-pavimentar. Is-Sindku minnufih ċempel lill-Kuntrattur tal-Kunsill lill-ELC u staqsihom jistawx jieħdu ħsieb jaqtaw dawn l-għeruq. Lil min kellem min ELC qallu li dan ix-xogħol kien ser jagħmilhulu pero talbu sabiex jaqla l-pavimentar biex jkun jista' jaqta' l-għeruq. Is-Sindku kompla li imbagħad minn hemm il-quddiem kellu jkompli dan ir-resident u jħallas kollox dan l-istess resident. Is-Sindku ppreżenta xi ritratti fejn juru li sar iż-żbir u li nqala' parti mill-pavimentar.

xiv.ii Il-Viċi Sindku qal li allura fil-verita' xi xogħol fil-privat kien sar u dak li kienet rrapurtatlu dik il-persuna bit-telefon fejn qaltlu li ħofra quddiem il-bieb il-Kunsill ma għamlitilhux imma xogħol fil-privat qed jagħmlu, kien veritier.

xiv.iii Is-Sindku wieġeb li dan kien kollox li sar. Huwa kompla jgħid li ma jimmaġinax li dan ir-raġel kien ser jitlob li x-xogħol isir kollu mill-Kunsill imma kull ma talab kien li jinżabru s-siġar. Safrattant kompla s-Sindku meta is-Surmast tal-iskola talab lill-Kunsill sabiex jinżabru xi siġar biswiet l-Iskola peress li l-coaches kienu qed isibu diffikulta biex jidħlu jwasslu u/jew jiġbru lill-istudenti, huwa kien talab lill-istess kuntrattur ELC biex jiżbor dawn is-siġar kif fil-fatt għamel. Dawn is-siġar kompla jispjega s-Sindku ma kenux fil-kompetenza tal-ELC. Is-Sindku kkonferma dan mal-Kunsillier Frans Agius. Is-Sindku qal li kulma sar kien għal ġid tar-residenti.

xiv.iv Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa biex minn issa l-quddiem is-Sindku jinforma lill-Kunsillieri kollha sabiex jekk jinqala każ simili l-Kunsillieri jkunu nfurmati u jistgħu jwieġbu minnufih.

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Skeda ta' Pagamenti

- ***Skeda ta' pagamenti***

i Il-Viċi Sindku rrimarka li item nru 10 – il-kont tal-Arms għall-tlett xhur tal-uffiċini tal-Kunsill kien ġie għoli wisq u dan kien jammonta għal madwar €1000. Huwa staqsa biex niċċekjaw naqra jekk forsi hemmx xi ħsarat jew forsi, staqsa l-Viċi Sindku jekk l-air conditions kienux mixgħewla għal tul ta' ħin. Is-Seg. Eżek. wieġbet li l-airconditions ma kenux żgur għaliex iż-żewġ airconditions fl-uffiċini tagħha u tas-Sindku kienu it-tnejn bil-ħsara bl-ispiża għat-tiswija ta' wieħed minnhom biss kienet madwar €250. Filwaqt li l-aircondition li hemm fil-Boardroom ftit li xejn jintuża. L-uniku wieħed li jinxtegħel l-iżjed kien dak tar-Reception Area fejn pero ma tantx idum mixgħewl wisq għaliex peress li mhemmx ċirkolazzjoni tal-arja l-iskrivani jixgħeluh ftit kemm tisħon jew tiksaħ l-area u jitfgħuh mill-ewwel.

ii. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk dan il-kont kienx Estimate jew Actual. Is-Seg. Eżek. iċċekjat il-kont u dan kien immarkat bħala Actual u jkopri l-perjodu minn 2 ta' Settembru 2014 sa 3 ta' Diċembru 2014.

iii. Il-Viċi Sindku rrimarka li anke l-kont tal-Arms taċ-changing rooms 5 aside ġie għoli meta dawn ma jintużawx. Is-Sindku wieġeb li dan il-konsum qed jirrifletti l-airconditions li ġew installati fil-Berġa u li l-elettriku għalihom ttieħed minnhom. Il-Viċi Sindku staqsa jekk allura dawn iż-żewġ airconditions humiex qed jinżammu mixgħela għal ħin twil. Is-Sindku wieġeb li l-Berġa qed tibqa miftugħa bejn 8am u 10am.

iv. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dawk il-boroż tat-tarmak kienux għal żmien li ntalab il-permess lid-Direttur jew le. Is-Sindku wieġeb li dawk kienu ta' Diċembru.

v. Il-Viċi Sindku rrimarka li qed jara numru ta' reimbursements u staqsa dwarhom. Is-Seg. Eżek. wieġbet li dan kien għal fatt li ċ-ċekk għal Petty Cash li kien sar mill-Ex Seg. Eżek. kien għadu ma ssarrafx għal fatt li l-BOV kienet qed titlob lill-persuna li f'isem il-Kunsill tmur biex issarraf dan iċ-ċekk li l-ewwel tiddepożitah fl-Account tagħha u għalhekk din il-persuna jrid ikollha Account mal-BOV imbagħad fl-istess waqt l-istess ammont taċ-ċekk jingiebed mill-Account ta' din l-istess persuna u jissarraf f'Cash. Is-Seg. Eżek qalet li dan ma kienx aċċettabli għaliex seta joħloq ċirkostanzi bla bżonn.

v.i Il-Kunsillier Ismael Dalli talab biex jara dawn l-irċevuti. Is-Seg. Eżek. għaddietlu l-file li kien għad-dispożizzjoni ta' dawk kollha li xtaqu jaraw xi fatturi.

vi. Il-Viċi Sindku staqsa għaliex ma' fattura waħda tal-KOPTASIN hemm indikat l-isem tal-ħanut li għalih sar dan ix-xogħol. Is-Seg. Eżek. wieġbitu li dan kien għall-fatt li l-Kunsill ma' kellux l-approval mingħand it-Transport Malta għal dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li dan kien għall-fatt li kien sid il-ħanut stess li applika u rċieva l-approvazzjoni mingħand it-Transport Malta. Is-Sindku qal lis-Seg. Eżek. li skont l-ittri li rċeviet mingħand it-Transport Malta hija kienet infurmata li s-sinjali ġodda jrid jħallas għalihom il-Kunsill. Is-Seg. Eżek. wieġbitu li lilha ħadd mit-Transport Malta ma kien infurmaha dwar dan imma kien hu bħala Sindku li kellu kuntatt mat-Transport Malta u nfurmawh b'dan.

vi.i Is-Sindku spjega li kien il-Kunsill li kien applika oriġinarjament pero peress li ma kienx hemm 5 ħwienet fl-akkwata dan il-permess ma ngħatax. Sadanittant kompla s-Sindku, sid il-ħanut applika personalment ma' Transport Malta u dan il-permess ingħatulu peress li kien forn. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li jgħaddi dan il-kont lil sid il-ħanut sabiex iħallsu hu u b'hekk il-Kunsill ma joħloqx preċedent.

iii. L-Iskeda ta' Pagamenti Nru22/07 ma ġietx iffirmata sabiex jitneħħa dan il-kont mil-lista. Sadanittant pero l-Kunsill qabel unanimament li xorta waħda jitħallsu l-kumplament tal-fatturi kollha elenkati apparti dan il-kont elenkat f'numru 35 tal-Iskeda 22/07 għall-valur ta' €31.58. Din l-Iskeda ser tiġi ffirmata f'laqgħa oħra li jmiss.

## 4 Rapport tal-Kunsilliera

*Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin ppropona li l-Ħadd 15 ta' Marzu 2015 tittella FORD Car Show fi Pjazza Agatha Barbara imbagħad ikun hemm carcade mat-toroq tar-Raħal. Huwa qal ukoll li sabiex tittella' din l-attivita' l-Kunsill qed jintalab iħallas €50.00 . L-għaqda lesta li jagħtuna riċevuta. Huwa kompla jispjega li dan il-ħlas ikun minflokk id-drinks li ssoltu nagħtuhom. Il-Viċi Sindku rrimarka li minħabba l-ittra dwar l-iżbilanċ mingħand id-Dipartiment, l-Kunsill ma jistax jħallas dawn il-flus. Il-Kunsillier għalhekk offra li jisponsorja huwa din l-attivita' u jħallas il-€50.00 minn butu. *FORD Car Show*

ii. Is-Sur Darmanin qal li ser issir laqgħa għar-residenti nhar is-Sibt 14 ta' Marzu 2015 mmexxija mis-Supt. fl-10:00am ġewwa l-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku staqsih jekk ir-residenti kienux ġa nfurmati? Is-Sur Darmanin wieġbu li l-posters kienu ġa nħarġu u l-Kappillan xandar dan l-avviż waqt il-quddies. Il-Viċi Sindku rrimarka li dan l-aġir kien *ultra vires*. Is-Sindku wieġeb li din il-laqgħa tal-Kunsill suppost kellha ssir ħmistax qabel. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk xi ħadd kellux xi oġġezzjoni biex din il-laqgħa mas-Supt. issir għax fil-każ kienet titħassar din il-laqgħa? Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wieġeb li ma kienx hemm oġġezzjoni li din il-laqgħa ssir imma l-punt kien dwar il-poċedura li ntużat. Il-Viċi Sindku rrimarka li hu qatt ma qal li kellu xi oġġezzjoni li ssir il-laqgħa imma dwar il-proċedura li ntużat u li kellu dritt jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dan. Is-Sindku wieġbu li kulħadd hemm preżenti kellu l-istess dritt. *Laqgħa għar-residenti*

Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir.

*Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

i. Is-Sur Dalli nfurma lill-Kunsill li nhar il-11 ta' April 2015 isir ir-riċiklaġġ tat-tessuti bħas-soltu quddiem l-uffiċini tal-Kunsill. Riċiklaġġ tat-tessuti

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii. Is-Sur Dalli qal li l-istess operatur offra li jekk il-Kunsill jaċċetta, jista' jagħtina tankijiet li jitpoġġew f'postijiet prominenti sabiex il-pubbliku jarmi fihom affarijiet elettroniċi. Tankijiet għar-riċiklaġġ tal-apparat elettroniku

ii.i Il-Kunsill qabel li jitpoġġew dawn il-konteníturi u ġie deċiż li l-Kunsillier Ismael Dalli jitlob lill-Kuntrattur jekk ikunx possibli li jipprovdina bi 3 konteníturi u li jitpoġġew 1 fejn kull Bring-In site. Is-Sur Dalli ser jitkellem mal-Kuntrattur.

*Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

i. Is-Sinjura D. Vella qalet li saret l-attivita' fis-Soreda Hotel u li għaliha kien hemm attendenza tajba ħafna.

ii. Is-Sinjura Vella qalet li l-attivita' li jmiss hija għat-2 ta' April 2015 ġewwa Chateau Buskett. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ssir.

## 5 Ħwejjeġ Oħra

i. Is-Sindku nfurma l-Kunsill li saret laqgħa mal-GREENPAK u ppreżentaw rapport fejn il-Kunsill jinsab fil-25 post. GREENPAK

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet approvata *one way system* f'parti minn Triq Temi Zammit. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li nitolbu lit-Transport Malta x'tabelli u sinjali tat-traffiku hemm bżonn sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu idea tal-ispiża. One Way System – Triq Temi Zammit

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġiet l-approvazzjoni wkoll minn Transport Malta għall-Zebra Cross fi Triq B'Bugia k/m Triq il-Kbira. Zebra Cross Triq B'Bugia

iv. Il-Kunsillier Ismael Dalli staqsa x'kien sar mill-proposta tiegħu li kien ressaq dwar Triq Zejtun k/m Triq il-Knisja. Is-Sindku wieġbu li kien għadu ma għaddijiex lill-Transport Malta peress li bħalissa kienu għaddejjin diskussjonijiet dwar is-sistema proposta sabiex tinfetaħ Triq Kurunell Mass ma Triq San Anard. Ladarba din il-proposta tgħaddi, kompla s-Sindku, huwa ser iressaq l-proposta tiegħu. Proposta Kunsillier Ismael Dalli dwar Triq Zejtun ma Triq il-Knisja.

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li nordnaw xi tabelli u mirja. Minħabba l-urġenza tal-każ dwar din l-ispiża ser nitolbu l-approvazzjoni tad-Dipt. Gvern Lokali.

v.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li minn issa l-quddiem l-proċedura suppost tkun li l-Kunsill qabel ma jagħmel kull spiża jrid jitlob l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kumitat tal-Finanzi. Peress li tressqu xi mistoqsijiet dwar dan il-Kumitat tal-Finanzi, il-Kunsill qabel unanimament li jintalbu aktar dettajli mid-Dipartiment dwar dan il-Kumitat.

vi. Is-Sindku ssuġerixxa li ssir Attivita' nhar 17 ta' April 2015 – Tifkira Tal-Vittmi tal-Gwerra fĦal Tarxien. L-ispiża nvoluta qal li titla' għal madwar €300. Attivita' Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra

vi.i Is-Sindku ssuġerixxa li fi Triq Napuljun Caruana Dingli fejn hemm daħla tal-garaxxijiet isir planter fin-nofs. Huwa qal li l-Kunsill mhux ser jidħol fi spejjeż peress li l-bricks ser jingħatawlna b'xejn mingħand persuna li qal li għandu xi bricks li lest li jagħtihomna b'xejn. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-planter ladarba jkollna l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-Awtoritajiet konċernati. Planter – Triq Napuljun Caruana Dingli

vi.ii Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru xi planters wara ċ-ċint fi Triq Tal-Barrani fejn in-Niċċa tal-Lunzjata. Il-bricks f'dan il-każ huma wkoll b'xejn. Is-Sindku qal li l-pjanti wkoll ser jagħtuhomna b'xejn. Planter Triq Tal-Barrani

ii **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

Il-laqgħa ntemmet fid-21:00pm.

Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015 fis-6.00pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**

## *DIKJARAZZJONI MIL-VICI SINDKU (PAWLU FARRUGIA)*

*Huwa fatt li bard u xita alla jaf meta,izda dak li gara nhar l-Erbgha 25 ta' Frar,2015 kienet koincidenza goffa.*

*Hekk kif appena s-Sindku nfurmana li kien ma jiflahx u ghandu d-deni,u ghal daqstant ma setax jigi jmexxi l-laqgha tal-Kunsill, b'kunbinazzjoni Keith Darmanin,Frans Agius u Doris Vella ma setawx jattendu wkoll.*

*Ghal daqstant ma kienx ser jintlahaq kuorum u s-segretarja infurmatni li laqgha thassret u ser issir f'data ohra.*

*Jien hassejt li din kienet mossa sabiex jien bhala vici Sindku ma jkollix il fakulta li mexxi l-laqgha jien bi dritt li t tini l-ligi.*

*Niddikjari li dan l-ghagir mhu ser jibdel xejn mil-hidma tieghi hekk kif kont stqarrejt fl-ewwwel laqgha ta' din il legislature,meta kont offrejt l-ghajnuna tieghi fl-operat tal-Kunsill. Hekk ser nibqa nghamel,nissorlvelja l-operat ghal beneficcju tal-Kunsill.*

*B'sodisfazzjon nghid li kienet il proposta tieghi,u li kien hemm qbil unanimu fuqa li ntalbu r-rendikonti dwar il hlasijiet li saru fuq l-iskema tal-PPP u hareg ir-rizultat li ghandna l-lum, li flahhar min l-ahhar irrizulta fil-posittiv fuq il Balance Sheet tal-Kunsill.*